**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Lulju 2021;</u>**

**<u>Rikors nru: 50/21 AGV ;</u>**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB,** datat 4 ta' Frar, 2021, fejn espona bir-rispett;

1. Illi l-partijiet fil-kawza de quo, izzewwgu nhar l-14 ta' Gunju, tas-sena 1997;

2. Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom zewg ulied bl-ismijiet EB u FB , imwielda nhar it-18 ta’ Dicembru, 2000, u nhar it-18 ta’ Jannar, 2002, rispettivament;

3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta’ att pubbliku datat 13 ta’ Marzu, 2018, ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Ian Castaldi Paris (ara kuntratt anness u mmarkat Dok A), madanakollu l-partijiet fil-fatt ilhom separati de facto ghal aktar minn 4 snin;

4. Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi issa ilhom diversi snin jghixu hajja independentement minn xulxin;

5. Illi l-partijiet ma jivversaw l-ebda manteniment fil-konfron ta’ xulxin;

6. Illi l-attur jivversa s-somma ta’ erba’ mija w hamsin ewro (€450) fix-xahar ghall-manteniment tal-minuri, liema manteniment jizdied skont l-indici tal-gholi tal-hajja;

7. Illi l-partijiet m’ghandhom l-ebda propjeta’ in komuni;

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta’ divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-fatti hawn esposti, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex:

Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

Tordna lir-Registratur tal-Qorti, sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta ta' CD fejn iddikjarat li l-manteniment dovut ghat-tfal mhuwiex imhallas.

Rat il-verbal tat-2 ta' Gunju 2021, fejn il-partijiet iddikjaraw li ntlahaq ftehim bejniethom, u ghalhekk l-intimata mhix qed toggezzjona aktar ghall-ghoti tad-divorzju.

**DECIDE:**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep. Reg.** |